MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru 445/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**V**

**OMISSIS**
**OMISSIS**
**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **OMISSIS** u **OMISSIS**, gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Nhar t-tlieta ta’ Gunju 2002 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn l-Gzejjer, **OMISSIS,** b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni minuri ta’ **OMISSIS** skond kif iccertifikaw Doctor Simon Attard Montalto MD u Doctor Yurgen. Abela MD;

2. Talli fit-tlieta ta’ Gunju 2002 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn l-Gzejjer, **OMISSIS**, b’diversi atti

maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' tlett uliedha **OMISSIS** skond kif iccertifikaw Doctor Simon Attard Montalto MD u Doctor Yurgen. Abela MD billi b'ximod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lil **OMISSIS** fl-atti tad-delitt li bihom d-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;

3. Talli meta **OMISSIS**, kienet fid-dmir li tiehu hsieb l-wild taghha, u cioe naqset li taghmel dan;

4. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, **OMISSIS**, abbandunat jew halliet esposti lil istess uliedha **OMISSIS** li huma minuri u ta' eta' inqas minn sebgha snin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta tal-imputata bhala recidivi fuq diversi sentenzi li gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni minorenni **OMISSIS** taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputata **OMISSIS** rilaxxjata nhar l-erbgha ta' Gunju 2002 esibita a fol 29 et seq tal-atti, l-istqarrija tal-imputat **OMISSIS** rilaxxjata nhar l-erbgha ta' Gunju 2002 esibita a fol 32 et seq tal-atti, u l-istqarrija ohra tal-imputat **OMISSIS** rilaxxjata nhar l-erbgha ta' Gunju 2002 esibita a fol 34 et seq tal-atti, certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Yurgen Abela rigwardanti **OMISSIS** esibit bhala Dok. EC 1 a fol 36 tal-atti, certifikat mediku rilxxjat minn Doctor Yurgen Abela rigwardanti **OMISSIS** esibit a fol 37 tal-atti, certifikat mediku rilxxjat minn Doctor Yurgen Abela rigwardanti **OMISSIS** esibit a fol 39 tal-atti, nota mill-Agenzija 'Appogg' dwar talba ghal ordni tal-harsien favur **OMISSIS** a fol 113 et seq tal-atti, kif ukoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Gunju 2002 esibit a fol 9 tal-atti sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taz-zewg imputati nhar l-hamsa ta' Gunju 2002 (fol 3 et seq tal-atti).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

**Semghet lil imputat OMISSIS** jiddikjara fis-seduta tat-tletin t'April 2008 (fol 258) li kien qed **jirregistra ammizzjoni ghar-reat kif kontemplat fl-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ut sic pero mhux bl-applikazzjoni tal-artikolu 18.**

Semghet fis-seduta tas-sebgha ta' Jannar 2009 (fol 283) lil Dottor Veronique Dalli ghal imputata **OMISSIS** tikkonferma l-ammissjoni tal-patrocinata taghha kif wkoll taghmel referenza ghar-rapport tal-Probation Officer rigward piena applikabbli.

Illi stante li l-ammissjoni b'certa rizerva tal-imputat **OMISSIS**, il-Qorti kellha taghmel ezami tax-xhieda kollha li xehdu f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 2002, **xehed Doctor Yurgen Abela** (fol 40) fejn meta gie muri d-dokumenti EC 1, EC 2 u EC 3 ikkonferma li dawk ic-certifikati gew rilaxxjati minnu fid-data hemm murija u cioe nhar t-tlieta ta' Gunju 2002 u dawn jirrigwardaw lil **OMISSIS** li huma minuri. Qal li hu kien invista lil dawn t-tfal fil-presenza ta' zewg pulizija u ta' xi zija w in-nanna taghhom. Qal li **OMISSIS** kien tifel ta' sena u tlett xhur. Qal li t-tfal kienu fi stat ta' hmieg kemm fl-ilbies, bhala gilda u fuq idejhom u wicchom. Qal li **OMISSIS** kellu girfa fuq il-parti ta' wara ta' dahru fuq il-lemin, qisu xi ghaxar centimetri taħt l-left scapula, il-parti ta' barra tal-left scapula, twila xi sitt centimetri u kienet qisha hierga mis-sinsla tad-dar 'l barra. Kellu wkoll area fuq in-naha tax-xellug tal-iscapula tul ta' xi hames

centimetri, bi hmura u qisu zewg linji paralleli ma xulxin xi tlett centimetri apparti.

Qal li dawn kienu kompatibbli ma xi daqqa b'xi cintorin jew riga ghax kienu *clear cut* hafna. Qal li dan t-tifel kien qisu ftit mbezzgħa fis-sens li kien qisu jhares madwaru ghal xi tip t'affezzjoni li qatt ma kellu minn meta twieled.

Dwar **OMISSIS** ix-xhud qal li dan wkoll kien fi stat ta' hmieg totali, kellu marka cirkolari fuq il-polz tax-xellug qisu xi hames centimetri, liema marka kienet qisu kellha *rolled edges* barra suggestiva ta' xi *cigarette burn*, kellu ferita fuq drieghu tal-lemin xi hames centimetri fid-dijametru, wkoll suggestiva ta' xi *cigarette burn*, kellu ftit grif u tbengila fuq idejh x-xellugija fil-parti ta' fuq, girfa fuq l-*lateral left epicondial*, xi sebgha centimetri tul li kienet tasal sal-*mid forearm*, girfa ohra parallela, tbengila u grif assocjat maghha li jgieghluk tahseb li kienu assocjati ma xi cintorin jew riga, zewg girfiet b'xi tlett centimetri bejniethom, tbengil u grif fuq idejh ix-xellugija, taħt idejh, liema feriti bniedem huwa difficili li joqghod jaghmilhom w ghalhekk zgur li mhux *self inflicted*.

Qal li kellu wkoll *perpury crash* fuq haddejh, in-naha ta' isfel, xi sitt centimetri minn widnejh, assocjata ma daqqa li tibqa marka, kellu grif fuq r-*rib cage* xi sebgha centimetri, u erbgha linji grif fuqha. Qal li meta staqsa lit-tifel kif sarulu dawn il-griehi, dan innervja u beda jsabbat, affarijiet li ma ssibhomx fi tfal normali.

Rigward **OMISSIS**, ix-xhud qal li din kellha xi hames snin, kienet fi stat ta' hmieg totali bhal l-ohrajn u meta staqsiha kif kellha dawk l-griehi fuqha, hi rrispondiet li kien certu **OMISSIS** li joqghod jsawwatha kemm fuq idejh kif wkoll fuq saqajha. Qal li meta staqsiha jekk kienetx tigi msawwta ghaliex kienet tkum imqarba, hi wiegbet li le, li kien jaqbad u jsawwatha ghal xejn b'xejn. Qaltlu wkoll li kien ilha ghaxar xhur jsawwatha u li kien hemm wkoll certu **OMISSIS** li wkoll kien isawwatha. Qal li fl-opinjoni tieghu, minn dak li rrizultalu dan kien kaz car ta' *clear cut abuse* fuq t-tfal. Qal li kienu z-zija w n-nanna li haduhom hemm, mhux l-imputati.

Illi nhar s-sbatax ta’ Gunju 2002, **xehdet Doctor Ruth Vella Muscat** (fol 53) fejn qalet li dakinhar tat-tlieta ta’ Gunju 2002, ghal habta ta’ nofs il-lejl neqsin ghoxrin, hi kienet fid-Dipartiment tal-Casualty tal-Paediatrics u cemplilha Dottor Yurgen Abela mill-Health Centre u qalilha li kienu gejjin tlett itfal, **OMISSIS** li kienu ttiehdu hemmhekk minn nanna taghhom **OMISSIS** u z-zija taghha **OMISSIS** u l-*boyfriend* taghha **OMISSIS**, peress li kienu raw xi sinjali ta’ vjolenza fuqhom. Qalet li kien mar wkoll maghhom Spettur. Qalet li hi kienet rat lil **OMISSIS** ta’ sentejn u erbgha xhur u mill-ewwel, kif kellmitu biex tara x’kien gara, dan mill-ewwel tahilha go wicca u gibidha minn xaghrha.

Qalet li dan kien indikattiv li kien hemm xi haga mhux normali fit-tifel peress li kien aggressiv maghha. Qalet li mill-ezami li ghamlet fuq **OMISSIS**, li kellu wiccu u saqajh suwed, u kellu *rash* taħt in-*nappy* tieghu, kif wkoll *head lice*, w irrizulta li dan kellu grif f’idejh x-xellugija, tbengil u grif fuq spallejh tax-xellug w id-idejh it-tnejn. Qalet li t-tbengil kien fl-ahdar jigifieri kien frisk, kellu qisu zewg harqiet wahda fuq l-polz w ohra fin-nofs t’idejh l-leminija, qishom hruq b’xi sigarett. Ziedet tghid li kellu grif paralleli ma xulxin fuq dahru fuq in-naha tax-xellug, li oħtu **OMISSIS** ssuggerit li kienu saru b’daqqa ta’ cintorin li kien tah **OMISSIS**, tbengil fuq zaqqu n-naha t’isfel. Ix-xhud esibiet n-notamenti taghha (fol 66 et seq).

Illi nhar s-sbatax ta’ Gunju 2002, **xehed Doctor Simon Attard Montalto** (fol 69) fejn qal li hu l-Kap tad-Dipartiment tat-Tfal fl-isptar San Luqa u li kien ilu tabib ghal dawk l-ahhar sbatax il-sena u tip ta’ kazijiet simili kien ra hafna. Meta x-xhud gie muri d-Dok. EC 1, ikkonferma li dan gie miktub minnu. Qal li dakinhar tat-tlieta ta’ Gunju 2002, kien cempillu s-Senior Registrar li kien on *duty* dakinhar u qallu li kellu tlett itfal li ddahhlu fis-sala biex izommhom *over night* hemm u hu accetta w invisthom l-ghada l-erbgha ta’ Gunju 2002 u sab dak li hemm miktub fid-Dok. EC 1. Qal li dawn kienu *unkept*, mahmugin, u kellhom dud f’xaghrhom. Qal li pero ma kellhomx sinjali ta’ *malnutrition*.

Fir-rigward tal-*injuries* li kellhom, ix-xhud spjega li **OMISSIS** li kellu sena w nofs, kellu ftit tbengil fuq spalltu, fuq il-gemb, barxa zghira orizzontali fuq dahru ta’ circa erbgha centimetri li kienet ftit iffjammata, u riha hazina hafna f’imniehru. Qal li fil-fatt, wara t-tieni gurnata baghtuh l-ENT u hemm irrizulta li nhargulu hafna *foreign bodies* minn imniehru bhal karti u hafna mbarazz.

Fir-rigward ta’ **OMISSIS**, ta’ sentejn u nofs, dan kien mahmug hafna u kellu wkoll dud f’rasu, kellu hafna tbengil frisk ma gismu kollu kwazi, fuq spalltu, fuq dahru, fuq idejh li kienu tawwalin *caused by a flat blunt object* bhal cirtorin. Qal li kellu wkoll bhal harqa ta’ sigarett fuq idejh. Qal li lil **OMISSIS** ma staqsihx kif garrab dawk l-griehi peress li kien jidher imgerrex.

Fir-rigward il-minuri **OMISSIS**, ta’ hames snin, din kellha barxa zghira ta’ tul circa hames centimetri, fuq zaqqha li kienet qadima u kienet qed tfieq, kellha *superficial laceration* fuq il-koxxa tal-lemin u meta ezaminat l-parti taghha, kellha minn gewwa fuq l-*inside* tal-*vulva, modules* zghar li forsi setghu kienu xi tip ta’ *warts* minhabba *herpis* u ma kienx hemm sinjali ta’ *penetration* u l-*hymen* kienet intatta. Qal li pero meta **OMISSIS** giet ezaminata minn *gynaecologist*, rrizulta li ma kienx hemm *warts*. Qal li meta staqsiha fuq il-griehi li kellha, din ma qaltlu xejn dwarhom. Ix-xhud esibixxa n-notamenti tieghu dwar dan il-kaz (fol.88).

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2002, **reġa’ xehed Doctor Simon Attard Montalto** (fol 123) fejn qal li hu kien ezamina lil minuri fil-hamsa ta’ Gunju 2002 fl-isptar San Luqa u kien irrilaxxja certifikat dwar dak li rrizultalu li jinsab esibit a fol 88 et seq tal-atti bhala Dok. EC 4, fejn fuqu gharaf il-firma tieghu w ikkonferma l-istess.

Qal li mir-rizultati ta’ *blood tests* li kien ordna hu, jidher li ma kien hemm xejn gravi fis-sahha tat-tfal. Qal li rigward **OMISSIS** ta’ sentejn u nofs, dan kellu d-demm baxx bil-*homogloban* tieghu ta’ 8.5 meta suppost ikun 10.5 u li dan kien baxx minhabba *deficiency*, li hu normali fl-eta li

ghandu, peress li dik l-eta ma tantx jieklu. Qal li ghalhekk mill-hamsa ta' Gunju 2002, hu ma rax lit-tfal, dawn baqghu taħt il-kura tat-team tieghu u li kienu qed jigu sorveljati minn Doctor Mariella Mangion. Qal li kienu ittiehdu wkoll swabs mill-parti genitali tal-minuri **OMISSIS** ta' hames snin, u wara li ghamlu testijiet ghal xi *sexual tramitted diseases*, dawn taw rizultat negattiv. Ikkonferma li t-tfal baqghu jghamlu progess fis-sahha taghhom.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, **xehdet Marianne Gauci** (fol 97) fejn qalet li hija *Social Worker* u kienet Acting Kap tal-Unit tal-Harsien tat-Tfal fl-Agenzija Appogg. Qalet li nhar t-tlieta ta' Gunju 2002, kienu rcievew telefonata anonima fuq is-*support line* 179 dwar allegazzjoni dwar xi tfal, **OMISSIS** li kienu qed jigu msawwtin, peress li kellhom certu tbengil fuq gisimhom u partikolarment wiehed mit-tfal kellu idu mbengla u li dan is-swat kien qed isir spiss.

Qalet l-allegazzjoni kienet wkoll fis-sens li t-tifla **OMISSIS** ta' hames snin kienet qed issemmi lil certu **OMISSIS** li kien ikun il-persuna li qed issawwat li ħuha b'cintorin spiss, li kienu qed jithallew mahmugin u mhux mitmugha u li l-omm kienet tghix ma persuni li kellhom problemi ta' droga u thalli l-pilloli *valium* biex taghtihom lit-tfal biex jibqghu reqdin. Qalet li kien hemm wkoll informazzjoni li fil-passat il-pulizija kienu diga ppresentaw kaz kontra l-omm dwar prostituzzjoni. Qalet li peress li kien hemm *Social Worker* Malcolm Tortell allokat fuq dan il-kaz u li fil-passat kien ipprova jaghmel investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet, pero peress li l-omm w it-tfal kellhom diversi ndirizzi, qatt ma setghu jghamlu kuntatt maghhom.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, **xehdet Adriana Sammut** (fol 100) fejn qalet li hi *Social Worker* stazzjonata Child Protection Services, Appogg. Qalet li nhar t-tlieta ta' Gunju 2002, hi kienet irceviet telefonata minghand persuna li identifikat ruhha bhala Mariella fuq is-support line 179 li kellha *referral* dwar tlett itfal, liema *referral* kienet anonima. Qalet li hi baghtet titlob r-*referral* bl-informazzjoni li kellhom bil-*fax* u baghtuhila u kienet tirrigwarda tlett itfal **OMISSIS**. Qalet li dak z-zmien dan

kien ghand *worker* iehor Malcolm Tortelli fl-istess agenzija. Qalet li l-kaz ta' dawn t-tlett itfal kien li kienu qed jigu maltrattati. Qalet li Malcolm Tortell kemm il-darba kien ipprova jikkuntattjhom imma minhabba tibdil fl-indirizzi li kienu saru qatt ma kien irnexxielu jikkuntattjhom. Qalet li sussegwentement ittiehdet azzjoni u saret *interim order*. Qalet li hi kienet kellmet lit-tfal kif wkoll lil genituri u rrizultalha li t-tfal semmew lil xi hadd **OMISSIS** li kien isawwathom. Qalet li meta tkellmet mat-tobba, dawn qalulha li kien hemm negligenza fuq it-tfal.

Qalet li meta kellmet flimkien ma *worker* ohra fl-isptar San Luqa, lil minuri **OMISSIS**, rrizulta li kienet qed tbati mill-affarijiet li kienet rat u kienet qisha tibza titkellem w ghalhekk hasset il-htiega li tipprotegi lil istess tfal. Ziedet tghid li fil-fatt, l-minuri **OMISSIS**, waqt li kienu qed ikellmu u bdew jidhlu xi *nurses* irgiel fil-kamra, t-tifla bdiet tara x'tivvinta biex tkeccihom'l barra peress li wriet bic-car li kienet qed tibza minnhom. Qalet li rrizultalha li **OMISSIS** kellha hames snin, **OMISSIS** kellu sentejn u nofs fil-waqt li **OMISSIS** kellu sena w nofs. Qalet li l-ilment anonimu li kellhom xahar qabel, kien fis-sens li kienu qed jigu traskurati w imhollija wahedhom d-dar. Spjegat li Malcolm Tortell kien qed jinvestiga fuq t-tlett *referrals* fuq medda ta' circa sena li kien hemm qabel li kienu fuq negligenza. Qalet li minn naha taghhom huma dejjem ghamlu minn kollox sabiex isibu lil ommhom, **OMISSIS** biex jitkellmu maghha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, **xehdet Louise Eminyan** (fol 106) fejn qalet li hi Psikologa mas-Servizz tal-Harsien tat-tfal. Qalet li hi dahlet f'dan il-kaz meta dahal r-*referral* tat-tlieta ta' Gunju 2002 u peress li kien hemm *Social Worker* li kien diga qed jahdem fuq il-kaz, tkellmet mas-*supervisors* u ddecidew li jitkellmu mieghu l-ghada filghodu u wara li ghamlet xi telefonati, kompliet il-kaz ma Adriana Sammut. Qalet li l-ahhar referral li kien hemm kien li wiehed mit-tfal kellu idu mbengla u li certu **OMISSIS** kien qed isawwathom b'cintorin. Qalet li l-minuri **OMISSIS** ta' sentejn u nofs kellu idu mbengla, l-minuri **OMISSIS** qalet li **OMISSIS** kien isawwathom spiss. Qalet li fl-ahhar referral kien hemm wkoll li t-tfal kienu mahmugin

u mhux mitmugha, li **OMISSIS** kienet taghti pilloli *valium* lit-tfal biex jibqghu reqdin, u fost dawn t-tfal kien hemm tarbija t'inqas minn sena. Qalet li hi kienet tkellmet wkoll mal-minuri **OMISSIS**, mal-Pulizija, mal-Kap tal-iskola fejn kienet tmur Tania kif wkoll ma Sister Andrea Cannataci ta' Angela House.

Spjegat li meta tkellmet mall-minuri, l-aktar ma **OMISSIS**, rrizulta li ommhom kienet thallihom wahedhom u li kienet taghmel hafna affarijiet wahedha, kienet issajjar wahedha u tmur tixtri wahedha u taqsam t-triq u stqarret li **OMISSIS** kien isawwathom u jahraqhom bis-sigaretti. Ikkonfermat li **OMISSIS** kellu marki ta' hruq fuq idejh.

Qalet li saret taf li meta giet mitkellma **OMISSIS**, din cahdet li t-tfal kienu qed jigu msawwat minnha jew haddiehor li kien jghix maghhom, qalet li t-tfal kienu nodfa, li ma kellhom ebda sinjali ta' hruq ta' sigaretti fuqhom meta fil-fatt huma ma kienu semmew xejn lilha dwar hruq ta' sigaretti qabel, u li kienu thammgu meta kienu ma oħtha.

Qalet li **OMISSIS** kienet qalet ukoll li **OMISSIS** kien jiehu hsiebhom u ma kienx isawwathom. Ziedet tghid li meta tkellmet tat-tobba, dawn qalulha li l-marki li kellhom fuqhom l-minuri, kienu jidhru li kienu gew kawzati minn cintorin u li meta ddahhlu l-isptar, kienu mahmugin hafna. Kompliet tghid li mill-iskola saret taf li **OMISSIS** kienet tfalli hafna, tmur tard, meta kienet tmur, filwaqt li Sister Andrea qaltilha ftit fuq **OMISSIS** peress li din kienet Angela House meta kellha hmistax il-sena. Qalet li hi, lil **OMISSIS** qatt ma kellmitu u ma tafux.

In kontr'ezami qalet li hi kienet tkellmet ma **OMISSIS** fil-presenza ta' Adriana Sammut. Qalet li tkellmet wkoll ma ommha u oħtha u din qaltilhom li t-tfal kienu maghha ghal ftit tal-hin, ftit sighat. Qalet li taf li l-pulizija kienu marru ghat-tfal u haduhom Angela House bil-lejl pero ma kienetx taf kemm ghadda hin bejn li kienu ghand oħt **OMISSIS** u bejn li ttiehdu mill-pulizija. Qalet pero l-hmieg li kellhom t-tfal kien ilu fuqhom, kien antik u li dan tafu mill-*medical report*, ghaliex fil-fatt, meta rathom hi ma kellhomx hmieg.

Ix-xhud esibiet t-talba ghal *interim care order* kif wkoll t-talba ghal *care order* (fol 113 et seq).

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2002, **xehdet Pauline Pisani** (fol 125) fejn qalet li tghix mal-imputat **OMISSIS** li gharfet presenti fl-awla. Qalet li ghamlet xi zmien tghix mieghu il-Qajjenza, B'Bugia u li maghhom kienet tghix l-imputata presenti fl-awla, **OMISSIS** u t-tlett itfal minuri **OMISSIS**, li huma t-tlett itfal tal-imputata **OMISSIS**. Qalet li darba minnhom kienu marru l-pulizija u talbu lil imputati jmorru d-depot u ghalhekk hi, marret tghid lil gharus taghha **OMISSIS**, biex tmur maghhom u dan qalilha li ma kienx hemm ghalfejn tmur hi wkoll. Qalet li meta tkellmet mieghu dan kien halfilha li ma kien ghamel xejn. Qalet li dak iz-zmien kienu johorgu billi kienu jmorru l-kaz u kienu jkunu hi, z-zewg imputati u l-gharus ta' **OMISSIS** maghruf bhala **OMISSIS**, filwaqt li t-tfal ta' **OMISSIS**, u cioe **OMISSIS** ta' sena w erbgha xhur, **OMISSIS** ta' ftit 'l fuq minn sentejn u **OMISSIS** ta' hames snin, kienu joqghodu wahedhom id-dar. Qalet li dan jirrisali qabel il-wiehed u tletin ta' Mejju 2003. Spjegat li nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju ta' din is-sena kienu hargu u marru l-erbgha li kienu, l-kazin.

Qalet li hi kienet thoss ghal dawk t-tfal u ma kienetx tiehu gost li thallihom wahedhom w ghalhekk kienet ftehmet ma ta' fuqha li tahdem bhala *nurse* l-isptar, u qaltilha li fl-ewwel ta' Lulju, peress li kienu ser jerġghu johorgu, kellha tiehu hsiebhom hi u li kienet lesta li thallasha ghal dan is-servizz. Qalet li tiftakar li dakinhar **OMISSIS** kien hareg lil **OMISSIS** mieghu. Qalet li taf li darba minnhom **OMISSIS** kien rieqed fil-kamra, u **OMISSIS** kien rieqed fil-*playpen* u l-aħwa l-oħra kienu qed jilghabu u peress li t-tifel ghandu habta jilghab fil-parapett, dan ghandu habta jiftah l-bieb ta' barra u dakinhar sabitu bla ganġetta u hareg u harab u sussegwentement kien ingieb lura mill-pulizija. Qalet li dan saret tafu minghand **OMISSIS** stess. Qalet li meta sehh dan l-incident, huma ma kienux id-dar, kienu marru hi u **OMISSIS** jghamlu xaghrhom. Qalet li lanqas ma kienu d-dar meta marru l-pulizija lura bit-tifel. Qalet li **OMISSIS** qatt ma gidbilha u fil-fatt qalilha li meta ngieb lura mill-pulizija, lit-tifel, **OMISSIS** tah daqqa fuq idejh u

saqajh. Qal li meta gara hekk, **OMISSIS** ma kienetx presenti.

Qalet li dakinhar kienu ftehmu li johorgu u meta marru lura **OMISSIS** kien qalilha li kien ha lit-tfal ghand in-*nurse*, kif kienet ftehmet maghha u dakinhar, li kien is-Sibt, hargu u dahlu lura l-Hadd filghodu. Qalet li mbaghad kienu spjegaw lil **OMISSIS** x'kien gara u cioe li **OMISSIS** kien harab w ingieb lura mill-pulizija. Qalet li hi kienet presenti meta kienu qed jispjegaw lil **OMISSIS** x'kien gara pero **OMISSIS** ma kienx id-dar. Qalet li **OMISSIS** kien ser jaqbad jorqod u semghet lil **OMISSIS** jibki u ma tatx kaz u marret torqod u meta stembhet ghal habta ta' nofsinhar, rat c-cintorin ta' **OMISSIS** ma gemb **OMISSIS**, pero lil **OMISSIS** ma ratlu ebda daqqiet u kien wara li ratlu d-daqqiet fuq idu b'marka ta' bokkla. Qalet li wara reġghet marret torqod ma **OMISSIS** u ma kellmitx lit-tifel dwar d-daqqiet li kellu, pero qajjmet lil **OMISSIS** u staqsietu x'kien gara u jekk kienx mess lit-tifel bic-cintorin u dan qalilha li kien ilu rieqed mit-tlieta ta' filghodu u li ma kienx iccaqlaq minn hemm. Qalet li **OMISSIS** kienet qalet li ommha w oħtha kienu gejjin jaraw t-tfal u meta dahlet fil-kamra sabithom reqdin u bisithom lilha u lil **OMISSIS**. Qalet li **OMISSIS** kienet qaltilha li l-ghada kellha ccempel lil ommha ghaliex kienet ser tehodohom jaraw *film*. Qalet li fl-ebda hin ma tkellmu ma omm **OMISSIS** ghaliex kienu reqdin u baqghu reqdin. Qalet li ma staqsietx lil **OMISSIS** dwar il-griehi fuq dirghajn t-tifel, pero quddiemha, **OMISSIS** kien staqsiha x'kienu l-marki fuq dirghajn t-tifel w ghal ewwel iccassat lejn **OMISSIS** u wara qaltlu li ma kienetx taf. Qalet li meta semghet lit-tifel jibki, hdejh kien hemm **OMISSIS**. Qalet li kienet taf li **OMISSIS** kienet iggib il-pilloli bil-*control card* u kienet tghidilhom li kienu pilloli *valium* li huma zghar u sofor bil-*line* fin-nofs. Qalet li kienet taf li **OMISSIS** kienet tiehu l-café qabel torqod u tiftakar li darba minnhom, **OMISSIS** kienet talbet lil **OMISSIS** biex ifarrkilha dawn il-*valium* biex tpoggihom fil-*bottle* tat-tfal u hu kien irrispondiha 'dawk mhux uliedek! Ghamel li trid bihom inti ghaliex jekk imutu, jien neħel' u ma farrakhomliex u farrkithom hi u poggiethom fil-*bottles* tat-tfal u dak l-hin, hi, **OMISSIS** telqu lejn il-kazin. Qalet li **OMISSIS** kien presenti meta **OMISSIS** farrket il-pilloli u

poggiethom fil-*bottles* u waqt li kienu l-kazin, **OMISSIS** cempet lil **OMISSIS** u qaltlu li flok ma raqdu t-tfal, aktar irvellaw ghax **OMISSIS** ma riedx jorqod u **OMISSIS** irrispondiha li ma kienx jinteressah ghaliex dawk kienu uliedha.

Ix-xhud kompliet tghid li meta kienu joqghodu l-Qajjenza, **OMISSIS** kien iqum fil-hamsa w nofs ta' filghodu biex jaghmel xoghol tal-gebel ma certu **OMISSIS**. Qalet li hu kien iqajjem lit-tifla ghal iskola u t-tifla kienet tmur tkellem lil ommha biex tmur l-iskola.  Qalet li **OMISSIS** kienet tghid lit-tifla biex tmur torqod u meta hi (ix-xhud) kienet tqum ghal habta tad-disgha kienet tghid lil **OMISSIS**, 'mela t-tfal ma marrux skola'.  Qalet li minn Jannar, sakemm damet tghix ma **OMISSIS**, jekk marret hames darbiet skola t-tifla.  Qalet li kienet taf wkoll li **OMISSIS** kellu zewg harqiet ta' sigarett wahda fuq idu fil-parti ta' fuq u ohra fil-parti t'isfel, u li din l-ahhar imsemmija harqa kienet saret meta **OMISSIS** bdiet timbotta lil **OMISSIS** u dawwritlu idejh fid-direzzjoni ta' **OMISSIS** w inhraq f'idejh fuq il-parti ta' fuq t'idejh.   Qalet li taf li darba minnhom **OMISSIS** kienet qalet l-istand tal-pala u tat daqqa biha fuq dahar **OMISSIS** ghaliex ommha ma kienetx baghtiha skola.  Qalet li ma tafx jekk **OMISSIS** qatt ha lit-tfal ghand xi tabib u lanqas jekk **OMISSIS** qattx hadithom, apparti meta **OMISSIS** kien ra lil **OMISSIS** bi qtugh ta' nifs.  Qalet li meta kienu johorgu hi, **OMISSIS**, u jhallu lit-tfal wahedhom, gieli sabuhom reqdin u gieli kienu jsibu lil **OMISSIS** jibki ghal *bottle*.    Qalet li kienu johorgu mit-Tnejn sal-Gimgha u jmorru l-kazin ta' Hal Ghaxaq kuljum u hemm kienu jiltaqghu ma **OMISSIS**, filwaqt li s-Sibt kienu jmorru t-Tattengers jew Paceville u jhallu d-dar t-tfal.  Qalet li l-kazin kienu jmorru ghal habta tat-tmienja u jirritornaw lura ghal xi nofs il-lejl.  Qalet li s-Sibt kienu johorgu ghal xi d-disgha, jmorru l-kazin u jaghmlu sal-erbgha ta' filghodu barra tal-Hadd.  Qalet li l-Hadd kienu jmorru l-kazin u jdumu sal-ghaxra.  Qalet li hi m'ghandhiex tfal taghha.

Ix-xhud kompliet tghid li **OMISSIS** ghamlet xi zmien tghix f'Pace Guest House ma certu **OMISSIS** kien ikollu xi tbengil fuq il-warrani tieghu.  Qalet kienet saret taf

minghand **OMISSIS** li meta **OMISSIS** ma kienetx taghmel il-*homework* kienet tigi punita billi ma tinghatx ikel jew taqla xebgha minghand **OMISSIS**.

Mistoqsija jekk **OMISSIS** qattx irrappurtat dawn l-incidenti lil pulizija, x-xhud wiegbet fin-negattiv.  Mistoqsija jekk **OMISSIS** qatt ghamel xi haga, ix-xhud wiegbet li gieli xeħet idejh fuqhom fil-presenza ta' **OMISSIS** u darba minnhom kien ser jaqbad jaghti lil **OMISSIS** wkoll u hi, ix-xhud kienet cemplet lil pulizija w ghamlet ghalih u keccietu minn hemmhekk ghaliex dakinhar, **OMISSIS** ma kellhiex tort.  Qalet li ma kienetx taf jekk **OMISSIS** kienetx irrappurtat lil **OMISSIS** lil pulizija.

Qalet li **OMISSIS** ma kienx ikun presenti meta **OMISSIS** kienet issawwat lit-tfal ghaliex kien ikun xoghol mill-hamsa sat-tmienja ghand **OMISSIS**, jarma l-karozza tieghu Capri ghal Hal Far.  Qalet li mhux l-ewwel darba li hi rat lil **OMISSIS** ssawwat lit-tfal b'idejha u taghtihom fuq wicchom.  Qalet li darba minnhom anke ratha taqbad zarbuna bit-takkuna u taghti xebgha lil **OMISSIS** fuq wiccha.

<u>Qalet li **OMISSIS** kien isawwat lit-tfal jew billi jaghtihom daqqa fuq koxxtejhom jew idejhom biex jitghallmu</u> filwaqt li **OMISSIS** kienet issawwathom jew biz-zarbun tat-takkuna f'wicchom, lil **OMISSIS** kienet taghtiha daqqa fuq dahra bil-lasta tal-ixkupa u lil **OMISSIS**  daqqa bic-cintorin. Qalet li kienet tkun hi u **OMISSIS** li jitimghu u jahslu lit-tfal u t-tfal gieli ghamlu tlett ijiem in fila ma jieklux u ma jinhaslux.  Ix-xhud qalet li gieli hi kienet tbiddlilhom n-nappy u **OMISSIS** kien jghinha wkoll.  Qalet li **OMISSIS** kienet ghaddi hafna zmien ghand certa **OMISSIS** peress li din kellha *washing machine* u kienet tmur tghamel l-hasla hemmhekk w anke tonxor ghandha. Cahdet dak suggerit lilha li **OMISSIS** kienet iggib *baby sitter* certa **OMISSIS** li toqghod faccata taghha biex toqghod mat-tfal.

Ix-xhud stqarret li hi ghamlet xi zmien tahdem fil-prostituzzjoni u spiccat ghamlet xahrejn l-habs u li kienet qatghet minn dak x-xoghol minn gimghatejn qabel.  Qalet li kienet ghalqet sitt xhur tohrog ma **OMISSIS** u li meta

bdiet tohrog mieghu kien jahdem l-Hilton, ma **OMISSIS**, fil-gebel u meta telaq minn mieghu, spicca jirregistra u wara baghtu ghalih ghal xoghol f'Hal Far pero ma lahaqx mar u qatugh mir-registrar u kellhu jibda bl-appell. Qalet wara mar jahdem ma **OMISSIS**, minn Haz Zabbar, f'xoghol fil-gebel, erbgha darbiet fil-gimgha.

Qalet li hi ma kienetx d-dar meta **OMISSIS** taha daqqtejn lit-tifel fuq il-warrani tieghu meta kien harab biex jitghallem u taf dan ghaliex **OMISSIS** stess qalilha. Qalet li t-tifel jista jilhaq il-firroll tal-bieb u li cavetta fil-bieb ma kienx hemm. Qalet li l-ghada li t-tifel qala x-xebgha, hi kienet rat tbengil fuqu. Qalet li **OMISSIS** kien jeduka lit-tfal fis-sens li jekk **OMISSIS** ma tmurx skola jew taghmel gimgha bla helu jew ma tilghabx. Qalet li **OMISSIS** kien isawwat lil **OMISSIS** fuq saqajhom pero lil **OMISSIS** qatt ma sawwtu. Qalet li **OMISSIS** ma kienetx iggieldet ma **OMISSIS** dakinhar li qalilha li kien sawwat lit-tfal. Qalet li meta hi kellha xi tghid ma **OMISSIS**, gieli tahilha go wicca, pero glied kbir bejniethom ma kienx hemm qatt. Qalet li hi ghandha sittax il-sena.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2002, **xehdet WPC 146 Joanne Scicluna** (fol 134) fejn qalet li fit-tlieta ta' Gunju 2002 kienet akkumpanjat lil PC 225 Joseph Filletti f'Angela House fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Emanuel Camilleri. Qalet li hemm kienu sabu lil minuri **OMISSIS** u meta tkellmu maghhom, fuq **OMISSIS** innutaw marka ta' swat fuq idejh, marka fuq il-polz taz-zewg idejn tieghu u tbengil fuq dahru. Qalet li fuq iz-zghir **OMISSIS**, kien hemm xi tbengil fuq dahru u **OMISSIS** kienet qaltilhom li dawk kienu ghamilhomlu **OMISSIS**. Qalet li huma akkumpanjaw lit-tfal flimkien ma nannithom u zijthom l-Health Centre tal-Floriana fejn gew invistati minn Doctor Abela li sussegwentement irreferihom l-isptar San Luqa. Qalet li hemmhekk gew wkoll invistati minn Doctor Vella Muscat u din dehrlilha li kellha zzommhom f'Disneyland.

Ix-xhud ikkonfermat li kienet presenti meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputata presenti fl-awla **OMISSIS** nhar l-erbgha ta' Gunju 2002, liema stqarrija taghha tinsab esibita a fol 29 et seq tal-atti, w ikkonfermat l-firma

taghha, dik tal-imputata u tal-Ispettur Emanuel Camilleri fuq l-istess stqarrija. Ikkonfermat wkoll li l-imputata giet moghtija s-solita twissija qabel ma rrilaxxjat din l-istqarrija, liema stqarrija hija ffirmata mill-istess **OMISSIS**.

Ix-xhud ikkonfermat wkoll li kienet prezenti meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat presenti fl-awla **OMISSIS**, liema stqarrija taghha tinsab esibita a fol 34 et seq tal-atti, w ikkonfermat l-firma taghha, dik tal-imputat u tal-Ispettur Emanuel Camilleri fuq l-istess stqarrija. Ikkonfermat wkoll li l-imputat gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija, liema stqarrija hija ffirmata mill-istess **OMISSIS**.

Ziedet tghid li meta marru l-Istitut, nhar t-tlieta ta’ Gunju 2002 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ filghaxija, sabu lit-tfal fi stat mahmug u **OMISSIS** kellu certa qilla fuqu w gholla idejh fuqhom.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2002, **xehdet Carmen Sammut** (fol 138) fejn qalet li hi kienet giet nominata mill-Qorti nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2002 sabiex tezamina lil minuri ta’ **OMISSIS**. Qalet li hi marret gewwa Angela House u hemm sabet lit-tlett itfal u mill-ezami psikologiku li ghamlet fuqhom rrizulta li kellhom *delays* tal-lingwa notevoli, b’mod partikolari l-minuri **OMISSIS**.

Qalet li meta rat lil minuri **OMISSIS** wahedha, din introduciet ruħha maghha bla ma kien hemm bzonn li hi tintroduci ruħha maghha u tatha xi karti biex tpingi fuqhom u din pingiet mara u qaltilha li din kienet ommha.

Qalet li **OMISSIS** qaltilha li kienet omma l-brava ghax issajjar u ghandha xaghrha twil. Ix-xhud qalet li meta marret tkellem lit-tfal, hadet maghha basket mimli gugarelli u meta wriethom lil **OMISSIS**, din bdiet tilghab bihom wiehed wiehed, titfaghhom mal-art u terga tmur hdejha biex tkompli tpingi.

Qalet li staqsiet lil minuri biex tpingi familja ai fini ta’ *family test* u *projective test*, u staqsiet lil minuri jekk kienetx taf x’inhi familja u din dehret li ma kienetx cara. Qalet li meta

spjegatilha x'inhi familja, l-minuri rrifjutat li tpingi familja. Qalet li reġghet spjegatilha f'inhi familja u cioe li hemm omm, missier u tfal u t-tifla nsistiet li ma riditx taghmel tali *test* u ma riditx tpingi familja. Ix-xhud kompliet tghid li minn *childrens' acceptance test* li hu *test* progettiv ghat-tfal li ghamlet lil minuri, rrizulta li t-tfal kienu mbezzgha hafna. Qalet li aktar tard, meta l-minuri **OMISSIS** giet murija pupu, hi identifikatu bhala d-*daddy* iswed ghaliex il-pupu kien ismar u dan qalitlu peress li fil-bidu tal-intervista mal-minuri **OMISSIS**, din kienet qalet lix-xhud li d-*daddy* kien iswed u anke meta qaltilha biex tpingi lid-*daddy*, din pingietu iswed. Qalet li meta t-tifla qabdet pupa mnezzgha, qaltilha li kienet il-*mummy*, ghaliex il-*mummy* tkun ghajjiena. Qalet li meta qabdet wahda mill-pupi, qaltilha li ahjar joqghod kwiet, ghax jaqla xi xebgha. Qalet li mill-osservazzjonijiet fuq il-minuri **OMISSIS**, rrizulta li kienet tifla mbezzgha hafna. Dwar il-minuri **OMISSIS** ta' sentejn u nofs, ix-xhud qalet li dan ghandu *language delays* kbar. Ix-xhud esibiet r-rapport taghha bhala Dok. CS a fol 144 tal-atti.

Illi nhar d-dsatax ta' Lulju 2002, **xehed Alan Seisun** (fol 155) fejn qal li hu kien joqghod ghal xi erbgha xhur jew tlieta, l-Qajjenza, faccata tal-imputati presenti fl-awla w anke ghamel xi zmien joqghod ghandhom. Qal li minn xahrejn lil hawn, telaq minn maghhom. Qal li hu kien johrog mal-imputata **OMISSIS** ghal xi xahrejn u kienu johorgu nhar ta' Sibt u jmorru *party* t-Tattengers. Qal li kien jaf li kellha tlett itfal jghixu maghha u meta kienu jmorru t-Tattengers, l-mara li kienet toqghod fuqhom kienet tinzel toqghod mat-tfal u gieli kienet tmur *baby sitter* toqghod mat-tfal. Qal li marru t-Tattengers xi ghaxar darbiet u kienu johorgu ghal xi nofs il-lejl u jirritornaw ghal xi sitta ta' filghodu tal-Hadd. Qal li darba minnhom ra lil **OMISSIS** taghti l-mistura tad-deni ta' kulur roza lit-tfal fil-*bottle*.

Mistoqsi jekk qattx ra lil **OMISSIS** ssawwat lit-tfal, wiegeb li gieli raha taghtihom daqqa zghira fuq saqajhom. Qal li l-imputat **OMISSIS** kien jghix maghhom wkoll. Mistoqsi jekk qattx ra lil **OMISSIS** jsawwat lit-tfal, ix-xhud stqarr li dakinhar meta **OMISSIS** kien qala daqqtejn, huma kienu

ser ihallu l-*baby sitter* ta' fuqhom biex imorru t-Tattengers. Qal li dakinhar **OMISSIS** kienet haslithom, tahom jieklu u **OMISSIS** tellaghhom ghand l-*baby sitter*. Qal li dakinhar **OMISSIS** kien hazzez mal-hajt bil-kuluri. Qal li dakinhar hu kien wassal lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS** ghand tax-xaghar u meta rritorna lura, **OMISSIS** kien qallu 'ara kif bengiltu lit-tifel' u hu ra lil **OMISSIS** bi tbengil fuq idu u zaqqu. Qal li **OMISSIS** kien qallu li kien tah bic-cintorin pero meta staqsih f'liema parti, **OMISSIS** ma kienx qallu. Qal li dan kien gara nhar l-ewwel ta' Gunju.

Ix-xhud kompla jghid li apparti dawk l-feriti, qatt ma kien ra fuq it-tfal. Qal pero li t-tlieta li huma gieli sawwtu lit-tfal quddiemu. Qal li jaf li darba minnhom **OMISSIS** kien laqat bi zball lil **OMISSIS** b'sigarett waqt li kien qed jiccajta mat-tifel. Qal li sa fejn jaf hu, lit-tfal hallewhom mal-baby sitter xi tlett darbiet, pero ma kienx jaf isimha. Qal li din toqghod xi zewg sulari jew wiehed fuqhom. Qal li hu ghandu tmintax il-sena. Qal ukoll li lil **OMISSIS** hu kien jarha tittratta lit-tfal tajjeb.

Illi nhar d-dsatax ta' Lulju 2002, **xehdet Salvina Scodatis** (fol 158) fejn mistoqsija jekk tafx lil imputati presenti fl-awla, wiegbet li tafhom peress li joqghodu fil-flat ta' taħtha fil-Qajjenza. Qalet li darba minnhom **OMISSIS** kienet talbitha toqghod mat-tfal u li kienet lesta li thallasha ghal dan is-servizz. Qalet li fil-fatt, dakinhar zammithom pero ma kienetx accettat flus minghandha. Qalet li zammithom bejn t-tmienja jew t-tmienja w nofs ta' filghaxija tas-Sibt sal-ghada l-Hadd, filghodu u filghodu marret thabbat ghandhom u sabet lil imputata u tatha t-tfal. Qalet li hi darba biss zammet lil dawn t-tfal u dan meta kienu ghadhom normali.

Mistoqsija jekk kienux mahmugin, wiegbet li le, kienu normali u ma kienet rat xejn abnormali fit-tfal dakinhar, tant li qaghdu jilghabu ma-zewgt itfal taghha u z-zghir kien ha l-*bottle* wkoll. Qalet li hi ma tantx tkun il-Qajjenza peress li tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha u gieli t-tfal kienet tarhom barra jilghabu u kienet tara lil genituri taghhom jonxru l-hwejjeg. Mistoqsija jekk qatt semghet lit-tfal jibku jew wahedhom, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li meta

zammet lit-tfal, jekk mhux sejra zball kien l-ewwel ta' Gunju ta' dik is-sena. Qalet li ma kienetx taf kemm kien ilhom joqghodu taħtha jista jkun xahrejn jew xi haga hekk. Cahdet dak suggerit mill-avukat difensur li hi zammet lit-tfal tlett darbiet w ikkonfermat li zammithom biss darba wahda.

Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2003, **xehdet WPS 24 Josephine Gauci** (fol 259) fejn qalet li f'xi data li ma tiftakarx, kienu marret fil-ward flimkien ma WPC 64 u raw lit-tfal b'xi tbengil u hruq ta' sigaretti u meta staqsithom min kien ghamlilhom dawk l-feriti, min qal li kien **OMISSIS** u min qal **OMISSIS**. Ix-xhud ikkonfermat li nhar l-erbgha ta' Gunju 2002 hi kienet presenti ghal istqarrija rilaxxjata mill-imputat **OMISSIS** bhala xhud tal-firma u meta giet murija d-dokument a fol 32 ikkonfermat il-firma taghha, dik tal-imputat **OMISSIS** u tal-ex Spettur Emanuel Camilleri fuqu.

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003, **xehdet Doctor Mariella Mangion** (fol 278) fejn qalet li hi tahdem fid-Dipartiment tal-Pedjatrija fl-isptar San Luqa, fil-kamp ta' *social pediatrics* jigifieri Child Protection. Qalet li hi ezaminat lil **OMISSIS** nhar t-tlieta ta' Gunju 2002 meta kienu mizmuma f'Disneyland fl-isptar Karen Grech. Qalet li maghha dakinhar kien hemm Doctor Simon Attard Montalto. Qalet li minn dak li rriskontrat dakinhar, irrizultalha li kien hemm diversi sinjali t'abbuz fuqhom. Qalet li fir-rigward l-minuri **OMISSIS** li kelllu sentejn u sitt xhur, kellu gwenhajh tax-xellug bi tbengila fuqha ta' tlett centimetri tul u wisgha ta' centimetru w nofs, u tbengila ohra rektangolari ta' zewg centimetri tul u wisgha ta' centimetru li fil-fehma taghha kienet tidher marka ta' cintorin, kellu tbengila ohra fuq il-kustilji ta' sidru wisgha centimetru w nofs twila centimetru u nofs dejjem fuq ix-xellug u aktar lura kien hemm tbengila ohra ta' tlett centimetri wkoll marka ta' cintorin. Fuq l-ispalla kien hemm marka ohra rektangolari *clear outline*, forma ta' *buckle mark*. Aktar 'l fuq taghha kien hemm twil hames centimetri, il-qiegh taghha kien erbgha centimetri u wisgha zewg centimetri u nofs. Aktar 'l isfel fuq l-istess driegh fil-parti t'isfel *linear streaks marks* wisgha ta' 4.5 cm u fil-

parti ta’ isfel titwessa ghal 5cm. Dawn wkoll fil-fehma taghha kien marki ta’ cintorin. Kien hemm wkoll parti ohra forma triangolari li wkoll kellha din il-*linear marks, left forearm* fuq il-parti ta’ quddiem, *linear marks* direzzjoni l’isfel, area ta’ 12cm li wkoll kienu *belt marks*. Qalet li kellu wkoll marki ohra wahda fuq il-polz tax-xellug u ohra fuq il-*forearm* tal-id il-leminija li kienu tondi nofs centimetru diametru li kienu kompatibbli ma hruq b’ sigaretti. Kellu tbengila ohra fuq il-parti ta’ isfel ta’ dahru kulur hadrani wisgha 1.5cm u twila 1cm, kellu *nappy rash* u kellu naqra anemija. Qalet li t-tifel kien aggressiv hafna u deher bezghan.

Fil-konfront ta’ **OMISSIS**, ta’ sena w nofs, kellu marka fuq dirghajh kompatibbli ma marka ta’ cintorin twila 7cm u wisgha ta’ 2cm, fuq in-naha ta’ isfel ta’ dahru fuq il-lemin kelllu area 4cm b’1cm ta’ brix superficjali u hmura, f’imniehru kellu riha qawwija kerha u minnu tnehhewlu *foreign bodies* u kellu wkoll infezzjoni fil-widna tal-lemin.

Fir-rigward l-minuri l-ohra **OMISSIS** ta’ hames snin, din kienet kwieta hafna u meta x-xhud staqsitha tispjega kif kellha dawk l-griehi, semmiet isem **OMISSIS**. Ix-xhud spjegat li **OMISSIS** kellha *minor injuries* u *not specific to non accidental injuries*. Kellha barxa fuq in-naha tal-lemin ta’ zaqqha tul nofs centimetru u barxa ohra fuq in-naha ta’ wara ta’ koxxtejha tal-lemin u fuq il-qasma ta’ saqajha kellha diversi tbengil zghir li ssib fi tfal komuni. Ix-xhud ziedet tghid li minn ezami tal-parti genitali ta’ din t-tifla irrizulta li kellha twila 7mm fuq r-*right labia*, kellha l-*hymen* intatta pero ftit hamra. Qalet li lit-tifla ttehdulha *swabs* ghal possibilita ta’ *sexual transmitted disease* pero kollox rrizulta in-negattiv. Qalet li t-tifla qatt ma semmiet xi abbuz sesswali. Qalet li meta staqsiet lit-tifla kif setghet kellha dak, it-tifla wiegbet li meta ommha tahsilha l-ilma jkun shun. Qalet li **OMISSIS** qaltilha li kien hemm certu **OMISSIS** li kien isawwathom b’cintorin.

Qalet li meta gew ammessi t-tfal l-isptar nhar t-tnejn ta’ Gunju 2002, dawn kienu mahmugin hafna u kienu gabuhom il-pulizija u oħt l-imputata u ommha. Qalet li taf lil imputata **OMISSIS** peress li hi zzur hafna Angela House

u gieli semmewilha hemmhekk. Qalet li lil **OMISSIS** pero ma tafux u qatt ma ratu. Qalet li l-minuri **OMISSIS** semmiet li **OMISSIS** kien isawwathom kemm l-darba, mhux okkazzjoni wahda. Ix-xhud esibiet kopja tar-rapport li hi hejjiet w ghaddiet lic-Child Protection bin-notamenti kollha li gie mmarkat bhala Dok. MM (fol 283).

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2003, **xehdet Doctor Maria Camilleri** (fol 2868) fejn qalet li hija hi l-Headmistress ta’ skola Musulmana f’Rahal Gdid li hija skola primarja u li hemm jattendu tfal Musulmani. Mistoqsija jekk kienx hemm studenta certa **OMISSIS** wiegbet li kien hemm u li din kienet bdiet tattendi dik l-iskola sentejn qabel. Qalet li kienet fil-klassi tal-Kindergarten tal-erbgha snin. Qalet li fis-sena skolastika li bdiet f’Ottubru 2001 u spiccat f’Gunju 2002, l-attendenza ta’ **OMISSIS** ma kienetx regolari u esibiet l-attendenza tal-istess minuri bhala Dok. CM. Qalet li l-minuri attendiet skola ghal tnejn u hamsin jum biss.

Mistoqsija jekk tafx lil omm il-minuri **OMISSIS**, ix-xhud wiegbet li ltaqghet maghha u cioe mal-imputata **OMISSIS** u kellmitha dwar l-attendenza ta’ bintha fil-kapacita taghha ta’ Kap tal-istess skola u gibditilha l-attenzjoni ghal fatt li kienet tfalli hafna u anke ghal fatt li t-tifla kienet tattendi l-iskola akkumpanjata minn ommha, tard li kien kontra r-regolamenti tal-istess skola, u l-imputata gieli qaltilha li dan kien ikun peress li xi drabi kienet tehodha l-isptar ghal xi *injections* tal-fwied, pero hi kienet tghidilha biex ggib certifikat dwar dan, liema certifikat l-imputata qatt ma hadet.

Mistoqsija jekk tafx jekk t-tifla kellha xi problema ta’ sahha, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u li kienet taf biss ghaliex hekk kienet tghid ommha, hu li ma tantx kienet wikkiela. Qalet li l-ghalliem ta’ **OMISSIS** kienet Miss Antida Schembri. Qalet li t-tifla qatt ma qaltilha xejn direttament. Qalet li minhabba nuqqas t’attendenza tat-tifla l-iskola, din kienet baqghet lura hafna. Qalet li t-tifla ma baqghetx tattendi l-iskola. Qalet li kienet tattendi s-sena ta’ qabel u cioe 2002 – 2003 meta kienet ghand s-sorijiet tal-Crech u tali attendenza kienet regolari u kienet

qed taghmel progress u mizmuma tajjeb dak iz-zmien. Qalet wkoll li rapporti fuq it-tifla fin-negattiv ma kienx hemm. Qalet li **OMISSIS** ma kienetx thallas biex tmur l-iskola, minhabba l-kaz taghha. Ix-xhud qalet li ma tafx lil **OMISSIS** u li dejjem **OMISSIS** wasslet lil bintha l-iskola.

Illi nhar t-tmienja ta' Novembru 2004, **xehdet Maria Mifsud** (fol 301) fejn qalet li tigi omm l-imputata **OMISSIS**. Mistoqsija mill-Qorti jekk tridtx tixhed fil-konfront ta' bintha, x-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li hi ghandha hames neputijiet li jigu t-tfal ta' **OMISSIS** u cioe **OMISSIS**. Qalet li hi ghamlet xi zmien tghix ma **OMISSIS** u trabbilha t-tfal taghha f'Haz Zabbar, meta dak iz-zmien kellha lil **OMISSIS** u peress li sid il-*flat* ried l-flat lura, ma baqghetx tghix hemmhekk u marret tghix mar-ragel proprju taghha **OMISSIS**. Qalet li mbaghad, spiccat tghix go *guest house* f'Tas Sliema ma **OMISSIS** u t-tfal.

Kompliet tghid li nel frattemp **OMISSIS** ltaqghet mal-imputat **OMISSIS** u habiba tieghu u sabu *flat* flimkien f'M'Scala. Qalet li darba minnhom **OMISSIS** kienet cemplitilha u talbitha tmur tigborha u peress li ma kellhiex fejn izommha ghandha peress li kellha biss kamra tas-sodda wahda, spiccat marret tghix ma **OMISSIS** f'B'Bugia. Qalet li meta kienet tghix B'Bugia maghha kellha lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS** ghaliex **OMISSIS** kien jghix maghha (max-xhud). Qalet li bintha ghamlet xi zmien izzurha pero mbaghad qatghet ghal kollox u ma kienetx taraha. Qalet li darba minnhom cemplitilha u tatha l-indirizz fejn kienet qed toqghod f'B'Bugia.

Qalet li nhar t-tlieta ta' Gunju 2002 hi kienet ghamlet rapport fil-konfront tan-neputijiet **OMISSIS**. Ix-xhud qalet li darba minnhom, kienet marret tfittex lil bintha B'Bugia, u kienu sabuha xi nies u <u>qalulha li t-tfal kienu qed jigu msawwta minn certu</u> **OMISSIS** w it-tfajla b'cintorin. Qalet li meta sabet il-bieb fejn kienet qed toqghod bintha, habbtet u fethitilha **OMISSIS** u rat li t-tifel **OMISSIS** kellu daqqiet fuq idejh u sussegwentement t-tfal ittiehdu l-isptar ghal xi griehi ohra li kellhom. Qalet li saret taf wkoll li **OMISSIS** kien ihaddem lil **OMISSIS** u bintha u darba

minnhom kellha daqqa fuq gembha u meta staqsietha kif kellha tali daqqa, qaltilha li kienet waqghet.

Qalet li kien irrizultalha li **OMISSIS**, meta gie ezaminat, kienu sabulu anke *foam* f'imniehru u meta kienu l-isptar t-tfal hi u bintha **OMISSIS** ghamlu gimgha maghhom hemmhekk. Qalet li **OMISSIS** kienet tifla mbezza' hafna.

Illi nhar t-tmienja ta' Novembru 2004, **xehdet OMISSIS** (fol 304) fejn qalet li tigi oħt l-imputata **OMISSIS** u lesta tixhed fil-konfront taghha. Qalet li tiftakar li oħtha ghamlet zmien tghix Haz Zabbar u ghamlet zmien li ma kienetx f'sitwazzjoni tajba mar-ragel taghha kienet ikkuntattjat lil **OMISSIS**, l-imputat odjern, sabiex jghinha ssib flat fejn toqghod. Qalet li oħtha ma setghetx tibqa toqghod fil-*guest house* bit-tfal li kellha ghaliex zewgha kien telaq u siefer. Qalet li saret taf li hi kienet qed tghix ma **OMISSIS** u certa **OMISSIS**. Qalet li dak iz-zmien kellha tlett itfal u sa fejn taf hi qatt ma sawwtithom u dejjem tajbin kienu mizmuma.

Qalet li meta kienet tghix ma **OMISSIS** gieli rat lit-tfal isofru. Qalet li darba minnhom marret m'ommha B'Bugia u **OMISSIS** ma kienetx hemm u sabuhom xi girien u qalulhom biex jiehdu hsieb t-tfal peress li kienu qed jigu msawwta u li kienu jaraw lil **OMISSIS** <u>jigri wara</u> **OMISSIS** <u>u jsawwtu fil-parapett</u> u lil **OMISSIS** tigri warajh biz-zarbuna u ssawwtu bit-takkuna taz-zarbun. Qalet li darba minnhom kienet cemplet lil **OMISSIS** u qaltilha li kienet ser tiehu lit-tfal jaraw *film* u hi rrispondietha li kienet ser tahsilhomlha pero x-xhud qaltilha li riedithom kif kienu. Qalet li meta marret ghat-tfal, dawn kienu mbenglin w ghalhekk baqghet sejra bihom l-klinika tal-Floriana u wara l-isptar u finalment spiccaw ghand s-sorijiet.

Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2008 **dehret l-Probation Officer Miriam Sevasta** u esibiet d-Dok. PSIR (fol 264) minn fejn jirrizulta li **OMISSIS** hija omm ta' sebat itfal izda prezentement tlieta minnhom biss jghixu maghha, filwaqt li l-ohrajn jinstabu taħt *care order*. L-imsemmija **OMISSIS** ghandha l-kustodja ta' tnejn minnhom li twieldu mit-tieni zwieg, **OMISSIS** li hi t-tifla l-kbira hi wahda mit-tlett itfal li

prezentement jghixu maghha, iżda wara li harget il-*care order* fuq din l-imsemmija tifla. Sussegwentement, din ittiehdet gewwa Angela House flimikien ma ħutha. Illi sentejn ilu din giet mibghuta lura d-dar fejn inghaqdet m'ommha fejn ghadha tabita sa llum. **OMISSIS** illum pero ghadu jghix fil-home ghalkemm l-imputata zzomm kuntatt mieghu. Hija m'ghandix kuntatt mat-tfal l-ohra ghalkemm dawn jinstabu migbura mill-Appoġġ.

**OMISSIS** izzewwget fis-sena 1999 lil xi Egizzjan u kellha wild, pero dan l-Egizzjan m'ghadux jghix hawn Malta. Imbaghad reġghet izzewwget lil **OMISSIS** w ghandha zewgt itfal minnu u tinsab kuntenta. Fir-rapport l-probation officer tghid li l-imputata ghamlet kambjament recentement fejn jirrigwarda t-trobbija t'uliedha. Jinghad wkoll li l-imputata spiccat f'certi vizzji tort tal-ko-akkuzat u kienet tibza minnu peress li ma setghetx teħles minnu. Illum il-gurnata hi tghix m'uliedha u dawn jghixu fi stat tajjeb. Il-*probation officer* irrakkomandat li l-imputata **OMISSIS** ghandha titpogga taħt s-supervizzjoni t'ufficjal sorveljanti billi tinghata sentenza fil-komunita.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti bla ebda dubbju ta' xejn jirrizulta li **OMISSIS** ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif dispost fl-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex mix-xhieda prodotta jirrizulta bla ombra ta' dubbju li kkaguna feriti fuq il-minuri ghalkemm ilkoll ta' natura hafifa u dan matul medda ta' zmien, kif del resto ikkonfermaw x-xhieda **OMISSIS**.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat **OMISSIS** esibita a fol 12 tal-atti minn fejn jirrizulta li dan kien diga nstab hati f'sebgha okkazzjonijiet fuq akkuzi ta' diversi serqiet, pusses ta' droga f'diversi okkazzjonijiet, pussess ta' strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku, meta nghata probation, multa, u sentenzi sospizi.

Fir-rigward tal-imputata **OMISSIS**, jirrizulta li fis-sena 1995 din instabet hatja ta’ tlajjar f’post pubbliku ghal skop ta’ prostituzzjoni w inghatat probation ghal tlett snin.

Illi ghalhekk il-piena li din il-Qorti ser taghti, ghandha tkun differenti sabiex tirrifletti l-passat kriminali taz-zewg ko-akkuzati.

Dwar l-akkuza ta’ recidiva fil-konfront ta’ **OMISSIS** din l-akkuza ma gietx ippruvata fil-konfront taghha peress li l-prosekuzzjoni naqset li tesibixxi sentenza fil-konfront taghha u wisq inqas li tressaq ufficjal sabiex jikkonferma l-identita taghha.

Ghalhekk r-rakkomandazzjoni tal-probation officer u cioe li **OMISSIS** tinghata piena fil-komunita, ghandha tinghata widen.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 221, 18, 214, 218, 42(d), 45(c), 339(j) u 246 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lil imputata OMISSIS hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghha salv ghal dik ta’ recidiva, mill-liema akkuza qed tilliberaha, u tiddeciedi li tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur sospizi ghal tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, oltre li tiddeciedi li tpoggi lil istess imputata OMISSIS taħt supervision order tul l-operat tas-sentenza sospiza, filwaqt li tiddikjara li qed issib lil imputat OMISSIS hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur in vista tal-passat kriminali tieghu.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputati thallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-psikologa Carmen Sammut [fol 152] fl-ammont komplessiv ta’ mitejn erbgha w tmenin Euro [€284] in solidum bejniethom u dan fi zmien tlett**

**xhur mill-lum u jekk l-imputati jonqsu li jhallsu dan l-ammont, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputata fuq il-mezzi kollha tax-xandir u dan fl-interess tal-minuri.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**V**
**OMISSIS**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum,……………………….. 2009**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **OMISSIS giet ikkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ Supervizzjoni lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu (3) tal-artikolu 7 tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li l-imsemmija persuna mputata titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal dan il-perjodu taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;
3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess persuna mputata; u

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

**……………………………..**

**…………………………….**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------